# 24. Pjazza Fra Diegu

Tletin siġra,
tletin kerrejja ħadra dwar il-pjazza
fejn jorqdu filgħaxija
l-għasafar għajjenin
wara jum ta' tbatija,
u jħammġu il-friegħi
u n-nies ta' taħthom…

U tnax-il bank ħadran madwar il-pjazza,
fuqhom jistrieħu
in-nies li jgħixu qrib fil-kerrejjiet
wara jum ta' tbatija,
- nies
li l-ħwejjeġ jonxru
fil-gallerija,
u jxarrbu n-nies ta' taħthom, -
u xjuħ ta' l-Istitut
igergru kontra s-soru,
jew jittallbu xi sold
għal xi sigarru…

U f'nofs il-pjazza
Fra Diegu jgħix għal dejjem qalb l-umlin:
għasafar tal-bejt
foqra tal-kerrejja
u xjuħ imwarrba,
illi flimkien
iġennu l-pjazza
bil-ġmied u bit-tisfir,
bil-qxur tal-karawett u bit-tgergir.

5/2/68